

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B****DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

tal-5 ta' Awwissu 2013

dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-virus tad-deni Afrikan tal-ħnieżer minn ċerti pajjiżi terzi jew partijiet tat-territorju ta' pajjiżi terzi li fihom il-preżenza ta' dik il-marda hija konfermata u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/78/UE

*(notifikata bid-dokument C(2013) 4951)*

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/426/UE)

(ĠU L 211, 7.8.2013, p. 5)

Emendata minn:

					Ġurnal Uffiċjali		
					Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni	2014/84/UE	L 44	53	14.2.2014		
	tat-12 ta' Frar 2014						
► <b><u>M2</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE)	2015/1752	L 256	17	1.10.2015		
	tad-29 ta' Settembru 2015						
► <b><u>M3</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE)	2017/1839	L 261	22	11.10.2017		
	tad-9 ta' Ottubru 2017						
► <b><u>M4</u></b>	Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE)	2019/1351	L 216I	1	20.8.2019		
	tad-19 ta' Awwissu 2019						

**▼B****DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI****tal-5 ta' Awwissu 2013**

**dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-virus tad-deni Afrikan tal-ħnieżer minn ċerti pajjiżi terzi jew partijiet tat-territorju ta' pajjiżi terzi li fihom il-preżenza ta' dik il-marda hija konfermata u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/78/UE**

*(notifikata bid-dokument C(2013) 4951)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/426/UE)

**▼M1***Artikolu 1*

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, "vettura tal-bhejjem" tfisser kwalunkwe vettura li qed tintuża jew li ntużat għall-ġarr ta' annimali ħajjin.

**▼B***Artikolu 2***▼M1**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur jew is-sewwieq ta' vettura tal-bhejjem malli jasal minn pajjiżi terzi jew minn partijiet tat-territorju tal-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I, fil-punt tad-dħul fl-Unjoni jipprovdi informazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li turi li l-bhejjem jew il-kompartament tal-ġarr, fejn applikabbli l-kaxxa tat-trakk, ir-rampa tat-tagħbija, it-tagħmir li jkun miss mal-annimali, ir-roti u l-kabina tas-sewwieq u l-ħwejjeġ u l-bwiez protettivi użati matul il-ħatt tnaddfu u ġew diżinfettati wara l-aħħar ħatt tal-annimali.

**▼B**

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi inkluża f'dikjarazzjoni mimlija skont il-mudell stipulat fl-Anness II jew fi kwalunkwe format ekwivalenti li jinkludi tal-inqas l-informazzjoni stipulata f'dak il-mudell.

3. L-oriġinal tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandu jinżamm mill-awtorità kompetenti għal perjodu ta' tliet snin.

*Artikolu 3*

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-punt tad-dħul fl-Unjoni għandha tivverifika l-vetturi tal-bhejjem li jidħlu fl-Unjoni mill-pajjiżi terzi jew mill-partijiet tat-territorju tal-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I, sabiex tiddetermina jekk tnadfu u ġew diżinfettati b'mod sodisfaċenti.

2. Fejn il-verifika msemmija fil-paragrafu 1 juri li t-tindif u d-diżinfazzjoni twettqu b'mod sodisfaċenti jew fejn l-awtoritajiet kompetenti flimkien mal-miżuri pprovduti fil-paragrafu 1 ordnaw, organizzaw u wettqu diżinfazzjoni addizzjonali ta' vetturi tal-bhejjem li tnaddfu qabel ma ġew użati għall-ġarr tal-annimali, l-awtorità kompetenti għandha tiddikjara dak il-fatt billi toħroġ ċertifikat skont il-mudell stabil fl-Anness III.

**▼ M1**

3. Fejn il-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 juru li t-tindif u d-dizinfazzjoni tal-vettura tal-bhejjem ma twettqux b'mod sodisfaċenti, l-awtorità kompetenti għandha tieħu waħda mill-miżuri li ġejjin:

- (a) tordna li l-vettura tal-bhejjem titnaddaf u tiġi diżinfettata kif suppost f'post innominat mill-awtorità kompetenti, viċin kemm jista' jkun tal-punt tad-dħul fit-territorju tal-Unjoni fl-Istat Membru konċernat u toħroġ iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 2;
- (b) fejn ma jkunx hemm faċilità adattata għat-tindif u d-dizinfazzjoni viċin il-punt tad-dħul jew hemm riskju li l-prodotti residwi tal-animali jiġu rilaxxati minn vettura tal-bhejjem mhix imnaddfa:
  - (i) iċċaħħad lill-vettura tal-bhejjem milli tidħol fl-Unjoni, jew
  - (ii) twettaq fuq il-post d-dizinfazzjoni preliminari tal-vettura tal-bhejjem mhux imnaddfa u diżinfettata b'mod sodisfaċenti sakemm isseħħ l-applikazzjoni tal-miżuri previsti fil-punt (a) fi żmien 48 siegħa mill-wasla fuq il-fruntiera tal-UE.

**▼ B**

4. L-oriġinal taċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jinżamm mill-operatur jew is-sewwieq tal-vettura tal-bhejjem għal perjodu ta' tliet snin. Kopja ta' dak iċ-ċertifikat għandha tinżamm mill-awtorità kompetenti għal perjodu ta' tliet snin.

**▼ M1**

5. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-punt tad-dħul fl-Unjoni tista' tissoġġetta kwalunkwe vettura, inklużi dawk li jittrasportaw l-għalf, li ma tistax tiġi eskluża mill-possibbiltà li tippreżenta riskju sinifikanti li tintroduċi d-deni Afrikan tal-ħnieżer fit-territorju tal-Unjoni, għal dizinfazzjoni fuq-il-post tar-roti jew kwalunkwe parti oħra tal-vettura kkunsidrata meħtieġa sabiex jittaffa dan ir-riskju.

**▼ B***Artikolu 4*

Id-Deċiżjoni 2011/78/UE titħassar.

**▼ M4***Artikolu 4a*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2021.

**▼ B***Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼ B

*ANNEX I*

**LISTA TA' PAJJIŻI TERZI U PARTIJET TAT-TERRITORJU TA'  
PAJJIŻI TERZI FEJN IL-PREŻENZA TAD-DENI AFRIKAN TAL-  
ĦNIEŻER HIJA KONFERMATA**

Il-Belarus

▼ M3

il-Moldova

▼ B

Ir-Russja

▼ M4

Serbja

▼ M2

l-Ukrajna



## ANNEX II

**DIKJARAZZJONI MUDELL LI GĦANDHA TIĠI PPROVDUTA MILL-OPERATUR/SEWWIEQ TAL-VETTURA TAL-BHEJJEM LI TKUN DIEĦLA FL-UNJONI MINN PAJJIŻI TERZI JEW PARTIJET TAT-TERRITORJI TA' PAJJIŻI TERZI FEJN IL-PREŻENZA TAD-DENI AFRIKAN TAL-ĦNIEŻER HIJA KONFERMATA**

Jien, l-operatur/is-sewwieq tal-vettura tal-bhejjem .....

*(daħħal in-numru tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni)*

niddikjara li:

— il-ħatt l-aktar riċenti tal-annimali u l-għalf sar fi:

Pajjiż, reġjun, post	Data (jj.xx.ss)	Ħin (ss:mm)

— wara l-ħatt, il-vettura għall-ġarr tal-bhejjem tnaddfet u ġiet diżinfettata. It-tindif u d-diżinfazzjoni inkludew il-bhejjem jew il-kompartament tat-tagħbija, [il-kaxxa tat-trakk] (ħassar jekk mhux applikabbli), ir-rampa tat-tagħbija, it-tagħmir li jkun miss mal-annimali, ir-roti u l-kabina tas-sewwieq u l-hwejjew ul-bwiez protettivi użati matul il-ħatt.

It-tindif u d-diżinfazzjoni twettqu fi:

Pajjiż, reġjun, post	Data (jj.xx.ss)	Ħin (ss:mm)

— id-diżinfettant intuża skont il-konċentrazzjonijiet rakkomandati mill-manifattur (biex tindika s-sustanza u l-konċentrazzjoni tagħha):

— it-tagħbija li jmiss tal-annimali se sseħħ fi:

Pajjiż, reġjun, post	Data (jj.xx.ss)	Ħin (ss:mm)

Data	Post	Firma tal-operatur/tas-sewwieq

Isem l-operatur/is-sewwieq tal-vettura għall-ġarr tal-bhejjem u l-indirizz kummerċjali (f'ittri kbar)



## ANNEX III

**ĊERTIFIKAT TAT-TINDIF U D-DIŻINFEZZJONI GĦAL VETTURI  
TAL-BHEJJEM LI JKUNU DEĦLIN FL-UNJONI MINN PAJJIŻI  
TERZI JEW PARTIJET TAT-TERRITORJI TA' PAJJIŻI TERZI  
FEJN IL-PREŻENZA TAD-DENI AFRIKAN TAL-ĦNIEŻER HIJA  
KONFERMATA**

Jien, hawn taħt iffirmat niċċertifika uffiċjalment li spezzjonajt:

1. il-vettura/i tal-bhejjem bin-numru/i ta' reġistrazzjoni .....  
(*daħħal in-numru/i tal-pjanċa/i  
ta' reġistrazzjoni*)

Ilum u permezz ta' kontroll viżiv sibt lill-bhejjem jew il-kompartament tat-tagħbija, [il-kaxxa tat-trakk] <sup>(1)</sup>, ir-rampa tat-tagħbija, it-tagħmir li jkun miss mal-annimali, ir-roti u l-kabina tas-sewwieq u l-ħwejjeġ u l-bwiez protettivi użati matul il-ħatt, imnaddfa b'mod sodisfaċenti.

2. l-informazzjoni mressqa fil-forma ta' dikjarazzjoni kif stipulat fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/426/UE jew fi kwalunkwe forma ekwivalenti oħra li tkopri l-punti stipulati fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/426/UE.

Data	Ħin	Post	Awtorità kompetenti	Firma tal-uffiċjal (*)
Timbru:	Isem f'ittri kbar: .....			

(\*) Il-kulur tat-timbru u l-firma għandhom ikunu differenti minn dak użat għall-istampar.

<sup>(1)</sup> Ħassar jekk mhux applikabbli.